MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 146/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

- ***omissis*** **-**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra *omissis* talli fil-25 ta’ Novembru 1998 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, sabiex tissodisfa z-zina ta’ haddiehor, hajjret ghall-prostituzzjoni lil bintha *omissis* ta’ tlettax-il sena, jew eccitat il-korruzzjoni taghha, jew ghenet jew iffacilitat din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, u dan bhala drawwa jew bi hsieb ta’ qliegh;

Aktar talli fil-25 ta’ Novembru 1998 u fil-granet ta’ qabel din id-data, xjentement ghexet ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ bintha *omissis*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija *omissis* hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkundannatha ghall-piena ta’ prigunerija effettiva ta’ tliet snin mid-data tas-sentenza;
Rat ir-rikors ta’ appell ta' *omissis* pprezentat fil-15 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija jew alternativament, jekk din il-Qorti issibha hatja, tvarja s-sentenza appellata u minflok piena ta’ prigunerija tinghata almenu sentenza sospiza jew piena anqas iebsa li mhix prigunerija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Minn ezami tar-rikors ta' appell u mis-sottomissjonijiet verbali li saru quddiem din il-Qorti jirrizulta li l-aggravju principali ta' l-appellanti huwa bazikament fis-sens li l-ewwel Qorti sabet il-htija nonostante li l-prosekuzzjoni ma gabitx provi bizzejjed biex tipprova l-kaz sal-grad li trid il-ligi.

Fir-rikors ta' appell l-appellanti tispjega l-aggravju taghha billi tibda biex tghid li Pawlu Aquilina li gie prodott mill-prosekuzzjoni cahad li qatt ghamel xi affarijiet ma' bint l-appellanti u li bintha stess ma indikat l-ebda persuna ohra li setghet tikkorrobora l-fatt li kienet taghmel atti sesswali ma' persuni ohra. Tghid ukoll li x-xiehda ta' Ruth Sciberras u ta' Marthese Schiavone dwar dak li qaltilhom *omissis* ghandha tigi skartata ghax ix-xiehda (*sic!*) tat-tifla ttiehdet f'cirkostanzi fejn it-tifla setghet kienet qed tibza' li sejrin jittiehdu proceduri kontra taghha u inoltre ma ttehditx

skond il-ligi. Inoltre ssostni li ma sar l-ebda test mediku fuq it-tifla biex jigi determinat forensikament jekk fil-fatt kinux qeghdin isiru atti ta' sess orali. Imbaghad l-appellanti tkompli hekk:

"2. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti strahet fuq ix-xiehda ta' minorenni li hija esperta sabiex thajjar lill-irgiel ghal xi atti sesswali li jidher li kien isir ta' spiss u liema persuna jidher [**recte:** tidher] li m'ghandhiex skrupli pero` naqset serjament fil-kredibbilta` taghha meta qalet li kienet tmur fid-djar ta' rgiel ohra u ma indikatx min kienu dawn l-irgiel.

3. Illi di piu` dak li l-ewwel Onorabbli Qorti skartat bhala prova favur l-imputata kien li kienet l-istess imputata li kienet baghtitha gewwa l-Istitut peress li ma setghetx tikkontrollaha u kienet taqla ukoll problemi fl-istess Istitut li skond l-istess imputata ma setghux izommuha; illi *omissis* kellha kull opportunita` tal-kenn tal-Istitut u se mai gewwa l-istess Istitut setghet qalet dawn l-affarijiet lis-sorijiet u s-social workers pero` ma ghazlitx li taghmel hekk. Jekk ghall-grazzja tal-argument l-imputata kienet tghix anki parzjalment mill-flus li kienet ittiha t-tifla ghalfejn baghtitha gewwa l-Istitut u din il-prova giet skartata mill-ewwel Onorabbli Qorti.

4. Illi kienet l-istess *omissis* li tant kienet sfrattata li ghazlet din it-tip ta' hajja ad insaputa tal-omm u zgur ghax ma kinitx tibaghtha l-omm, jigifieri l-imputata. Huwa minnu li *omissis* kienet iggib xi flus maghha d-dar pero` kif stqarret l-imputata kienet tittallab ghall-flus u n-nies kienu jtuha.

5. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti interpretat stqarrija li ghamlet l-imputata zbaljata peress li minkejja li l-imputata qalet li tixtieq li trabbi l-ghaqal u trabbi l-ghaqal t-tifla ma jfisser xejn li l-imputata kienet thajjar it-tifla ghall-prostituzzjoni. Huwa fatt accettat illi t-tifla kienet sfrattata u kienet tfalli l-iskola ripetutament u proprju ghal dan li l-esponenti kienet qieghda tirreferi."

L-aggravju ta' l-appellanti ghalhekk jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, bhalma dejjem gie ritenut, huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-

kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom sabet htija ta' l-appellanti. L-ewwel Qorti naturalment kellha l-vantagg li tisma' x-xhieda kollha *viva voce* u tippeza "l-imgieba, kondotta u karattru"[2] tax-xhieda. Mill-assjem tal-provi jidher li hija ma kellha l-ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija ta' l-appellanti u din il-Qorti effettivament ma sabet l-ebda raguni ghala ghandha tiddisturba dak l-apprezzament.

Fil-kaz tax-xhud Pawlu Aquilina, huwa minnu li dan cahad li qatt ghamel xi prattici sesswali ma' *omissis*, anzi cahad sahansitra li jafha. Izda waqt konfront ma' l-istess *omissis*, din ix-xhud iddeskriviet id-dar ta' Pawlu Aquilina b'mod dettaljat u l-ewwel Qorti ghalhekk inkarigat perit tekniku biex jaccedi fid-dar ta' dan Aquilina u jaghmel deskrizzjoni ta' l-istess. Meta wiehed jezamina d-deskrizzjoni li hejja l-Perit Valerio Schembri u jipparaguna dik id-deskrizzjoni mad-deskrizzjoni li tat *omissis* dwar id-dar ta' Aquilina, l-unika konkluzjoni hi li *omissis* kienet taf sew dik id-dar ghax kienet preciza fid-deskrizzjoni li tat. Ghalhekk ix-

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004 u gurisprudenza hemm citata.
[2] Artikolu 637 tal-Kap. 9.

xiehda ta' Pawlu Aquilina ghandha titqies inveritjera u c-cahda tieghu mhix kredibbli u ghamlet sew l-ewwel Qorti li ordnat li tintbaghat kopja tax-xiehda ta' Pawlu Aquilina u dik ta' *omissis* waqt il-konfront mieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-passi opportuni. B'zieda ma' dan din il-Qorti sejra tordna li tintbaghat ukoll kopja tat-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Perit Valerio Schembri u tar-relazzjoni tieghu sabiex ikun jista' jsir l-istess paragun li din il-Qorti ghamlet bejn ix-xiehda ta' *omissis* u r-relazzjoni.

B'kuntrast max-xiehda ta' Pawlu Aquilina, ix-xiehda ta' *omissis* tispikka bhala wahda veritjera. Ma kienx hemm ghalfejn, bhalma donna tippretendi l-appellanti, issemmi rgiel ohra b'isimhom jew taghti deskrizzjonijiet ta' rgiel ohra. U zgur ma kienx il-kaz li jsirulha ezamijiet medici ta' halqha! Kwantu ghax-xiehda ta' Ruth Sciberras u ta' Marthese Schiavone, dawn kienu qeghdin jirrakkontaw x'qaltilhom *omissis* meta l-Pulizija kienu haduha c-Child Protection Unit. Dak li qaltilhom *omissis* ma kienx taht gurament, cioe` bhala xiehda, u huwa *hearsay*. Fl-istess hin jirrifletti dak li xehdet *omissis viva voce* quddiem l-ewwel Qorti kemm meta xehdet fl-14 ta' April 2000 prodotta mill-prosekuzzjoni kif ukoll meta giet riprodotta mid-difiza fil-15 ta' Mejju 2001 f'dak li deher bhala tentattiv ta' l-appellanti biex bintha tbiddel il-verzjoni taghha. Difatti f'din l-ahhar seduta *omissis* l-ewwel qalet li lil ommha kienet tghidilha li tmur tghin lil Pawlu Aquilina izda mbaghad fuq mistoqsija tal-prosekuzzjoni qalet li dak li qalet qabel kienet il-verita` u regghet ikkonfermat li meta kienet tghid lil ommha x'kienet taghmel ma' Pawlu Aquilina, ommha xorta zammithom il-flus.

L-appellanti xehdet li kienet hi li "qaflet" lil bintha fid-dar Fejda u dan peress li "qalu li jiena kont nibghatha tigbor il-flus minghand l-irgiel". Fir-rikors ta' appell taghha ssostni li l-ewwel Qorti skartat din il-prova li kienet l-istess appellanti li baghtet lil bintha gewwa Istitut. Pero` dak li jirrizulta lill-Qorti mhuwiex li kienet l-appellanti li baghtet lil bintha Fejda izda li *omissis* spiccat Fejda wara l-intervent tal-Pulizija li, fuq telefonata anonima li kien hemm tifla l-Belt qed thajjar lill-irgiel ghall-prostituzzjoni, marru jsibuha u akkompanjawha mill-ewwel ic-Child Protection Unit

f'Gattard House. Kieku ma kienx ghal dan l-intervent ma jidhirx li l-appellanti qatt ghamlet xi tentattiv da parti taghha biex isir xi haga dwar bintha. Kwantu ghac-cahda taghha li kienet taf li bintha qed tmur ma' l-irgiel, dan jikkontrasta ma dak li qalet lill-Pulizija meta giet arrestata u ma dak li qalet fl-ewwel stqarrija taghha (dak tas-26 ta' Novembru 1998 - Dok. ABC a fol. 10). Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li "x-xiehda li l-imputata tat il-qorti fit-3 ta' Mejju 2004 ma hix kredibbli u ghandha tigi skartata in toto, filwaqt li dak li qalet fl-istqarrija taghha fil-bidu nett tal-investigazzjoni huwa aktar veritjer u dan ghaliex jinsab korroborat minn bintha minuri stess, il-vittma ta' dan il-kaz". Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal qabel, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tvarja din il-konkluzjoni.

Ghaldaqstant l-appell fil-mertu hu respint.

L-aggravju ta' l-appellanti dwar il-piena huwa fis-sens li din hija esagerata meta l-fedina penali turi li l-kondotta taghha mhijiex xi wahda refrattarja u meta ma jirrizultax li bintha ghaddejja minn xi trawma psikologika jew minn xi rimors jew dipressjoni peress li kienet ghazla tat-tifla stess li tghix il-hajja li kienet qed tghix.

Il-principju regolatur in materja ta' piena hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat.

Issa, huwa veru li l-fedina penali ta' l-appellanti turi li hija nstabet hatja erba' darbiet in konnessjoni ma' kontravvenzjonijiet tliet darbiet dwar ksur tal-bon ordni u paci pubblika u darba ghax naqset li tiehu lil bintha ghat-tilqim. Mill-banda l-ohra r-reati odjerni huma reati serji hafna. L-appellanti abdikat ghal kollox mid-doveri taghha ta' omm u, minflok ma pproteggiet lil bintha jew fittxet l-ghajnuna ghaliha, hajret jew iffacilitat il-prostituzzjoni taghha ghal skop ta' qliegh u in effetti ghexet in parti minn fuq dak il-qliegh. Certament ma hijiex skuzanti li l-appellanti kellha bzonn il-flus ghall-ghajxien taghha u ta'

bintha stess. Dak li ghamlet l-appellanti kien, kif qalet sew l-ewwel Qorti, "aborrenti".

Il-piena ghall-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 240 (1)(c)(d) tal-Kap. 9 hija ta' prigunerija minn sentejn sa sitt snin filwaqt li dik dwar it-tieni imputazzjoni skond l-artikolu 7(1) tal-Kap. 63 hija ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija sew entro l-parametri tal-ligi, hija 'l boghod mill-massimu u m'hemm l-ebda raguni valida legalment li tista' twassal lil din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fil-piena minnha nflitta. B'hekk anke dan l-aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li, b'zieda ma' kopja tat-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Pawlu Aquilina u dik li nghatat minn *omissis* waqt il-konfront ma' l-istess Pawlu Aquilina, ghandha tintbaghat ukoll kopja tax-xiehda tal-perit tekniku l-A.I.C. Valerio Schembri tat-18 ta' Jannar 2001 flimkien ma' kopja tar-relazzjoni tieghu minnu pprezentata waqt dik is-seduta ghall-iskop ga` msemmi.

Fl-ahharnett din il-Qorti tordna li, sabiex tigi protetta l-identita` ta' bint l-appellanti, isimha u kunjomha kif ukoll isem u kunjom l-appellanti u dettalji ohra li bihom tista' tigi identifikata bint l-appellanti ma ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------